TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 75/15-F

**David Borg**

**vs**

**BPK Styling – Neville Cassar**

Illum 22 t'Ottubru, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-10 t'April, 2015 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' seba' mitt ewro (€700), rappreżentanti xogħol ta' *spray* li ma kienx sar.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien qabbad lill-intimat sabiex jagħmel xogħol ta' *spray* fuq vettura li kien ġab mill-Ingilterra u żarmahielu u ġabhielu f'biċċiet sabiex tiġi sprenjata. Illi l-intimat wara li tahielu żarmata, kull ma kien għamel kien li sprenja l-qafas u ma sprenjax il-parts l-oħra. Illi r-rikorrenti qed jitlob li jieħu tad-danni għall-fatt illi ħallsu sabiex jisprenja l-affarijiet kollha u kull ma sprenja hija biċċa.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi r-rikorrenti daħal f'inkonvenjent kbir u l-intimat ma kienx għamillu x-xogħol kollu minkejja li għamillu ftit xogħol, jiġifieri l-qafas.

It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti, jinnota illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli, u kif ukoll illi l-intimat ma kkontestax din it-talba.

Kif ukoll it-Tribunal, jinnota illi l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

Kif ukoll it-Tribunal, jinnota illi sal-ħin tas-seduta, l-intimat ma ssottometta ebda risposta bil-miktub.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' ħames mitt ewro (€500), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**